

Brussell, 14 ta' Marzu 2019  
(OR. en)

7456/19

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0247(COD)

---

---

ELARG 8  
COWEB 46  
CFSP/PESC 213  
RELEX 258  
FIN 233  
CADREFIN 150  
CODEC 670  
POLGEN 49  
MIGR 33

#### NOTA

---

minn: Presidenza

lil: Kunsill

---

Nru. dok. preċ.: 7210/19

---

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (L-ewwel qari)  
– Approċċ ġenerali parzjali

---

#### I. INTRODUZZJONI

1. Fl-14 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)<sup>1</sup> taħt l-Intestatura 6 ("Viċinat u d-Dinja") tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027.

---

<sup>1</sup> 10184/18 + ADD 1 + ADD 2

2. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, l-IPA III għandu l-għan li jappoġġa l-benefiċjarji fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tar-riformi politiċi, istituzzjonali, ġuridiċi, amministrattivi, soċjali u ekonomiċi meħtieġa minn dawk il-benefiċjarji biex jikkonformaw mal-valuri tal-Unjoni u biex progressivament jallinjaw ruħhom mar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-Unjoni bil-ħsieb tas-sħubija futura mal-Unjoni. L-IPA III jiżgura kontinwità mal-IPA II (li jkopri l-perjodu ta' 2014-2020) u komplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni (b'mod partikolari l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - NDICI) u l-politika (eż. il-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima). Il-pakkett finanzjarju propost għall-IPA III għall-perjodu 2021-2027 huwa ta' EUR 14 500 000 000 (fi prezzijiet attwali).

## **II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA**

3. Fil-Parlament Ewropew, il-fajl ġie allokat lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET), b'José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra (PPE, ES) u Knut Fleckenstein (S & D, DE) bħala korapporteurs. L-abbozz ta' rapport ippreżentat mill-korapporteurs ġie adottat mill-AFET fl-4 ta' Frar 2019 u issa qed jistenna biex jiġi adottat mis-sessjoni plenarja tal-PE tal-25-28 ta' Marzu 2019.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fis-sessjoni plenarja fit-12 ta' Diċembru 2018<sup>2</sup>.
5. Il-Kumitat tar-Regġuni adotta opinjoni fis-sessjoni plenarja fil-5-6 ta' Diċembru 2018.<sup>3</sup>

---

<sup>2</sup> 15601/18

<sup>3</sup> 15622/18

### III. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

6. Il-proposta ġiet ippreżentata l-ewwel mill-Kummissjoni lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tkabbir u l-Pajjiżi li qed Jinnegozjaw l-Adeżjoni mal-UE (COELA) fit-3 ta' Lulju 2018. Wara l-ewwel diskussjoni ġenerali fl-10 ta' Lulju 2018, il-COELA eżamina l-proposta f'għadd ta' laqgħat sussegwenti taħt il-Presidenza Awstrijaka, li matulhom in-negozjati avvanzaw konsiderevolment. Ġie ppreżentat rapport ta' progress lill-COREPER fid-19 ta' Diċembru 2018<sup>4</sup>.
7. Il-ħidma komplet taħt il-Presidenza Rumena b'għadd ta' laqgħat tal-COELA fi Frar u Marzu 2019 biex jiġu diskussi l-bqija tal-kwistjonijiet pendenti u biex ikompli jiġi rivedut it-test biex jakkomoda t-tħassib imqajjem mid-delegazzjonijiet. B'mod partikolari, saru bidliet b'rabta mal-kwistjonijiet ta' trasparenza u inklużività tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-Kumitat tal-IPA, bil-għan li jiġi żgurat li tingħata informazzjoni xierqa lill-Istati Membri u li l-involviment u l-gwida strateġika tagħhom ikunu riflessi biżżejjed. B'rabta mal-proċess ta' programmazzjoni tal-IPA, l-għan kien li jiġi żgurat li l-assistenza lill-benefiċjarji tkun kemm flessibbli kif ukoll prevedibbli, li tippremja l-prestazzjoni filwaqt li tindirizza wkoll il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji bi prestazzjoni aġar u li tista' tiġi mmodulata f'każijiet ta' rigressjoni sinifikanti jew nuqqas persistenti ta' progress mill-benefiċjarji fl-oqsma koperti mill-approċċ li "dak li hu fundamentali l-ewwel".
8. Għandu jiġi nnutat li r-Regolament propost hu parti mill-pakkett ta' proposti marbuta mal-QFP 2012-2027 u b'hekk dipendenti fuq l-eżitu ta' dawn in-negozjati orizzontali. Sakemm dan joħroġ, l-ammont ta' referenza fl-Artikolu 4(1) jitpoġġa f'parenteżi kwadri fit-test li jinsab fl-Anness għal din in-nota. Id-dispożizzjonijiet ta' natura orizzontali jidhru wkoll bejn parenteżi kwadri u huma esklużi mill-approċċ ġenerali parzjali propost, sakemm isir aktar progress fuq il-QFP: dawn jikkonċernaw il-mira ġenerali tan-nefġiet tal-baġit tal-UE li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi (il-premessa 13), il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri u pajjiżi terzi (il-premessa 23), u r-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni (l-Artikolu 9(2)).

---

<sup>4</sup> 15532/18

9. Xi partijiet oħra tal-proposta wkoll jidhru f'parenteżi kwadri. Dawn jikkonċernaw l-iktar referenzi għal atti legali li għadhom qed jiġu diskussi (bħar-Regolament NDICI u r-Regolament KTE), li jistgħu jeħtieġu li jiġu aġġornati fi tmiem in-negozjati. Ftit dispożizzjonijiet huma marbuta mill-qrib mad-dispożizzjonijiet f'dawk l-atti legali l-oħra, u jeħtieġ li jiġu riflessi f'dan it-test fi stadju aktar tard, ladarba jitlestew id-diskussjonijiet dwar dawk l-atti. Dan hu partikolarment il-każ għall-Artikolu 11 (flimkien mal-premessi korrispondenti 27 u 28) u l-Artikolu 17.
10. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina t-test ta' kompromess tal-Presidenza. Wara din id-diskussjoni, il-Presidenza qablet li tintroduċi xi bidliet addizzjonali fit-test, jiġifieri fil-premessa (6b), fil-premessa (13), fl-Artikolu 7a(5) u fl-Anness I<sup>5</sup>. Mid-diskussjoni ħareġ li t-test ta' kompromess tal-Presidenza huwa bażi soda biex jintlaħaq approċċ ġenerali parzjali.

#### **IV. KONKLUŻJONI**

11. F'dan l-isfond, il-Kunsill huwa mistieden jilħaq l-approċċ ġenerali parzjali dwar it-test kif stabbilit fl-Anness għal din in-nota fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Marzu 2019. L-approċċ ġenerali parzjali ser jikkostitwixxi l-mandat għan-negozjati futuri mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-proċedura legiſlattiva ordinarja.

---

<sup>5</sup> Dawn il-bidliet huma ssottolinjati fl-Anness għal din in-nota.

2018/0247 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)<sup>6</sup>**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 212(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>7</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>8</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014<sup>9</sup> jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020. Sabiex tinżamm l-effettività tal-Unjoni fl-azzjonijiet esterni, jenħtieġ li jinżamm qafas għall-ippjanar u għall-għoti ta' assistenza esterna.

---

<sup>6</sup> Bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni f'dan id-dokument huma mmarkati b'*tipa grassa u bil-korsiv* u [...] , filwaqt li l-bidliet meta mqabbla mal-verżjoni ta' qabel tat-test huma addizzjonalment issottolinjati.

<sup>7</sup> ĠU C , , p. .

<sup>8</sup> ĠU C , , p. .

<sup>9</sup> Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

- (2) L-objettivi ta' strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni huma distinti fis-sustanza mill-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, minħabba li dan l-istrument għandu l-għan li jipprepara lill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I għal sħubija futura fl-Unjoni u li jappoġġa l-proċess ta' adeżjoni tagħhom. Għaldaqstant, huwa essenzjali li jinżamm strument dedikat bħala appoġġ għat-tkabbir, filwaqt li tiġi żgurata l-komplementarjetà tiegħu mal-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u b'mod partikolari mal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI – Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument).
- (3) L-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jipprevedi li kull stat Ewropew li jirrispetta l-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tad-demokrazija, tal-ugwaljanza, tal-istat tad-dritt u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, u li jimpenja ruħu li jippromwovi dawn il-valuri, jista' japplika biex isir membru tal-Unjoni. Stat Ewropew li jkun applika biex jissieħeb fl-Unjoni jista' jsir membru biss meta jiġi kkonfermat li jissodisfa l-kriterji ta' sħubija stabbiliti fil-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen f'Ġunju 1993 (il-"kriterji ta' Copenhagen") u dejjem jekk l-Unjoni jkollha l-kapaċità li tintegra lill-membri l-ġdid. Il-kriterji ta' Copenhagen huma relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarrantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-protezzjoni tal-minoranzi, l-eżistenza ta' ekonomija tas-suq operattiva kif ukoll il-kapaċità li jlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni, u l-abbiltà li jieħu fuqu mhux biss id-drittijiet iżda wkoll l-obbligi stabbiliti fit-Trattati, inklużi aderenza mal-għanijiet ta' unjoni politika, ekonomika u monetarja.

- (4) Il-proċess tat-tkabbir huwa mibni fuq kriterji stabbiliti u kundizzjonalità ġusta u rigoruża. Kull benefiċjarju jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-merti proprji tiegħu. Il-valutazzjoni tal-progress miksub u l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet għandhom l-għan li jipprovdu inċentivi u gwida lill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I biex jaħdmu fuq ir-riformi estensivi meħtieġa. Sabiex il-prospett ta' tkabbir isir realtà, huwa essenzjali li jkun hemm impenn sod għall-prinċipju tal-"fundamentali l-ewwel"<sup>10</sup>. Il-progress lejn l-adeżjoni jiddependi fuq ir-rispett ta' kull applikant għall-valuri tal-Unjoni u l-kapaċità tiegħu li jwettaq ir-riformi meħtieġa sabiex jallinja s-sistemi politiċi, istituzzjonali, legali, amministrattivi u ekonomiċi mar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki fl-Unjoni.
- (5) Il-proċess ta' tkabbir tal-Unjoni huwa investment fil-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fl-Ewropa *u jippermetti lill-Unjoni tkun pożizzjonata aħjar biex tindirizza sfidi dinjija*. Din tagħti *wkoll* aktar opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali, għall-benefiċċju reċiproku tal-Unjoni u tal-Istati Membri aspiranti. Il-prospett ta' sħubija fl-Unjoni għandu effett trasformattiv qawwi, li jintroduċi bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika u soċjali.
- (5a) *It-tħaddin ta' valuri fundamentali Ewropej u l-impenn lejhom huma għażla, u huma essenzjali għas-sħab kollha li jaspiraw għas-sħubija fl-UE. F'konformità ma' dan, l-Unjoni tistenna li s-sħab jassumu r-responsabbiltà u jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ lejn il-valuri Ewropej u t-tiftix vigoruż tar-riformi neċessarji fl-interess taċ-ċittadini tagħhom. Dan jinkludi l-allinjament progressiv mal-Politika Ewropeja u ta' Sigurtà Komuni tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet fejn hemm involuti interessi komuni ewlenin, bħal miżuri restrittivi u l-indirizzar ta' theddid ibridu.*

---

<sup>10</sup> L-approċċ tal-"fundamentali l-ewwel" jorbot l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali maż-żewġ oqsma kruċjali l-oħra tal-proċess ta' adeżjoni: il-governanza ekonomika – enfasi msaħħa fuq l-iżvilupp ekonomiku u kompetittività mtejjba – u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Kull wieħed minn dawn it-tliet prinċipji fundamentali huwa ta' importanza kruċjali għall-proċessi ta' riforma fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali u jindirizza t-tfassil ewleni taċ-ċittadini.

- (6) Il-Kummissjoni Ewropea affermat mill-ġdid il-prospett sod u bbażat fuq il-mertu tas-sħubija fl-UE għall-Balkani tal-Punent fil-Komunikazzjoni tagħha *"Perspettiva kredibbli għat-tkabbir u involviment akbar tal-UE mal-Balkani tal-Punent"*<sup>11</sup>. Dan huwa messaġġ b'saħħtu ta' inkoraġġiment għall-Balkani tal-Punent kollha u sinjal tal-impenn tal-UE għall-ġejjieni Ewropew tagħhom.
- (6a) *L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fid-Dikjarazzjoni ta' Sofija u fl-Aġenda ta' Prijoritajiet ta' Sofija għall-UE u l-Balkani tal-Punent, affermaw mill-ġdid l-appoġġ inekwivoku tagħhom għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent kif ukoll l-impenn tagħhom li jgħaġġlu t-titjib fil-ħajja taċ-ċittadini fl-oqsma tal-konnettività u s-sigurtà, abbażi tal-aspetti rilevanti tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni adottata fis-6 ta' Frar 2018. L-azzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jgħinu biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' dawn l-impenji.*
- (6b) *Il-Kunsill Ewropew ta l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Albanija, l-Iżlanda<sup>12</sup>, il-Montenegro, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja u t-Turkija. Huwa kkonferma l-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent. Mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus jew għal kwalunkwe deċiżjoni futura li għandha tittieħed mill-Kunsill Ewropew jew mill-Kunsill, dawk li jibbenefikaw minn perspettiva Ewropea bħal din li ma ngħatawx status ta' pajjiż kandidat jistgħu jitqiesu bħala kandidati potenzjali għall-fini uniku ta' dan ir-Regolament.*

---

<sup>11</sup> COM(2018) 65 final disponibbli fuq [https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/communication-credible-enlargement-perspective-western-balkans\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/communication-credible-enlargement-perspective-western-balkans_en.pdf)

<sup>12</sup> *F'Marzu 2015, il-Gvern tal-Iżlanda talab lill-UE biex ma tibqax tqis lill-Iżlanda bħala pajjiż kandidat, mingħajr, madankollu, ma rtira uffiċjalment l-applikazzjoni tal-Iżlanda għal sħubija.*



- (7) Jenħtieġ li tiġi pprovdata wkoll assistenza f'konformità mal-ftehimiet konklużi mill-Unjoni mal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I. Jenħtieġ li l-assistenza tkun tiffoka l-aktar fuq l-għajnuna lill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I biex isaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, biex jirrifirmaw l-amministrazzjoni ġudizzjarja u pubblika, biex jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tolleranza, l-inklużjoni soċjali u n-nondiskriminazzjoni. Jenħtieġ ukoll li l-assistenza tappoġġa l-prinċipji u d-drittijiet ewlenin kif definiti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>13</sup>.
- (7a) *Peress li r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali huma elementi essenzjali tal-proċess tat-tkabbir, [...]jenħtieġ li l-assistenza tkompli tappoġġa wkoll [...] l-isforzi tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I biex tingħata spinta lill-kooperazzjoni reġjonali, makroreġjonali u transfruntiera kif ukoll l-iżvilupp territorjali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-Unjoni. Jenħtieġ ukoll li ssaħħaħ l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tagħhom u l-governanza ekonomika tagħhom, filwaqt li tirted aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' politiki tal-iżvilupp reġjonali, tal-iżvilupp agrikolu u dak rurali, il-politiki soċjali u tal-impjiegi, [...] l-iżvilupp tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali filwaqt li tingħata spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni, [...] ukoll fil-kuntest tal-inizjattiva emblematika l-Aġenda Diġitali għall-Balkani tal-Punent.***
- (7b) *Għandu jingħata enfasi speċjali fuq il-ħolqien ta' aktar opportunitajiet għaż-żgħażaġh, inkluż il-professjonisti żgħażaġh, filwaqt li jiġi żgurati li dan jikkontribwixxi għall-iżvilupp soċjoekonomiku tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I. L-assistenza taħt dan ir-Regolament jenħtieġ li timmira wkoll li tindirizza l-eżodu ta' mħuħ.***
- (8) Jenħtieġ li l-Unjoni tagħti appoġġ għat-transizzjoni lejn l-adeżjoni għall-benefiċċju tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, fuq il-bażi tal-esperjenza tal-Istati Membri tagħha. Din il-kooperazzjoni jenħtieġ li tiffoka b'mod partikolari fuq il-kondiviżjoni tal-esperjenza miksuba mill-Istati Membri fil-proċess tar-riforma.

---

<sup>13</sup> Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat solennement mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-Summit Soċjali għall-Impjiegi Ġusti u t-Tkabbir li sar f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017.

- ( [...] **8a**) It-tiżiż tal-istat ta' dritt, inkluż il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u l-governanza tajba, inkluża r-riforma fl-amministrazzjoni pubblika, għandhom sfidi ewlenin fil-bieċa kbira tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I u huma essenzjali sabiex il-benefiċjarji jersqu eqreb lejn l-Unjoni u aktar tarbiex jieħdu fuqhom b'mod sħiħ l-obbligi tas-sħubija fl-Unjoni. Minħabba li r-riformi mixtieqa f'dawk l-oqsma huma fit-tul u minħabba l-hteġa li jinbnew rekords ta' prestazzjoni, l-assistenza finanzjarja taħt dan ir-Regolament jenħtieġ li tindirizza r-rekwiżiti imposti fuq il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I mill-aktar fis possibbli.
- ( [...] **8b**) F'konformità mal-prinċipju tad-demokrazija parteċipattiva, is-sorveljanza parlamentari ta' kull benefiċjarju elenkat fl-Anness I ta' min tiġi inkoraġġita mill-Kummissjoni.
- (9) Il-kooperazzjoni strateġika u operazzjonali msaħħa bejn l-Unjoni u l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I dwar is-sigurtà hija kruċjali biex it-theddid ta' terroriżmu u għas-sigurtà jiġi indirizzat effettivament u effiċjentement.
- (10) Huwa essenzjali li tittejjeb ulterjorment il-kooperazzjoni **internazzjonali u reġjonali** fir-rigward tal-migrazzjoni inkluż **il-konsolidazzjoni ulterjuri tal-kapaċitajiet** ta' ġestjoni tal-fruntieri **u tal-migrazzjoni**, filwaqt li jiġi żgurat l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti, [...] it-titjib tal-kontroll tal-fruntieri u t-tkomplija tal-isforzi tagħna [...] **biex tiġi miġġielda** l-migrazzjoni illegali, it-traffikar ta' bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali.
- (10a) Il-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I jenħtieġ li jttejbu sabiex ikun żgurat l-appoġġ pubbliku għall-valuri tal-UE u l-intendiment tagħhom, kif ukoll tal-benefiċċji u l-obbligi ta' sħubija potenzjali mal-Unjoni, filwaqt li tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni.**

- (13) Il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I hemm bżonn li jkunu ppreparati aħjar sabiex jindirizzaw l-isfidi dinjija, bħall-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, u li jallinjaw ruħhom mal-isforzi tal-Unjoni biex tindirizza dawk il-kwistjonijiet. Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzata it-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs – Sustainable Development Goals), jenħtieġ li dan il-programm jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjoni klimatika fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb mira globali ta' [25 %] tal-infiq baġitarju tal-UE li jappoġġa l-oġettivi klimatiċi. L-azzjonijiet li jaqgħu taħt dan il-Programm huma mistennija li jikkontribwixxu [...] [16 %]<sup>14</sup> tal-pakkett finanzjarju kumplessiv tal-Programm favur oġettivi klimatiċi. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tnejnija u l-implimentazzjoni tal-Programm, u l-kontribuzzjoni globali minn dan il-Programm jenħtieġ li tkun parti mill-evalwazzjonijiet u mill-proċessi ta' rieżami rilevanti.
- (14) Jenħtieġ li l-azzjonijiet li jaqgħu taħt dan l-Istrument jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti bħala aġenda universali, li għaliha l-UE u l-Istati Membri tagħha huma kompletament impenjati, u li l-benefiċjarji kollha elenkati fl-Anness I approvaw.
- (15) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-perijodu ta' applikazzjoni tiegħu li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, fis-sens ta' [ir-referenza għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ skont il-ftehim interistituzzjonali l-ġdid: il-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>15</sup>], għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

---

<sup>14</sup> ***Din il-mira ser tiġi diskussa aktar fil-kuntest tar-Regolament dwar l-IPA III skont l-eżitu tad-diskussjonijiet orizzontali tal-QFP dwar l-oġettivi globali għall-klima.***

<sup>15</sup> Ir-referenza trid tiġi aġġornata: ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1. Il-ftehim huwa disponibbli fuq [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32013Q1220\(01\)&from=MT](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32013Q1220(01)&from=MT)

- (16) Jenħtiegħ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw il-konformità, il-koerenza u l-komplementarjetà tal-assistenza tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti ta' ċiklu tal-assistenza. Jenħtiegħ li jittieħdu wkoll il-passi meħtieġa sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni u komplementarjetà aħjar, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet regolari, ma' donaturi oħra. **Jenħtiegħ ukoll li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jtejbu l-koordinazzjoni fil-livell lokali filwaqt li jiżguraw li l-Istati Membri jista' jkollhom parteċipazzjoni infurmata tul il-proċess ta' programmazzjoni kollu u jkun jistgħu jeżerċitaw aħjar ir-rwol tagħhom fil-Kumitat tal-IPA.** Ir-rwol tas-soċjetà ċivili jenħtiegħ li jiġi msaħħaħ kemm fil-programmi implimentati permezz ta' korpi ta' governanza u bħala benefiċjarju dirett tal-assistenza tal-Unjoni.
- (17) Il-prijoritajiet għall-azzjoni biex jintlaħqu l-oġettivi fl-oqsma ta' politika rilevanti li se jiġu appoġġati taħt dan ir-regolament jenħtiegħ li jiġu definiti f'qafas ta' programmazzjoni stabbilit mill-Kummissjoni għad-durata tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni għall-perijodu mill-2021 sal-2027 fi sħubija mal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, fuq il-bażi tal-**qafas politiku tat-tkabbir definit mill-Kunsill Ewropew u l-Kunsill kif ukoll** [...] il-ħtiġijiet speċifiċi **tal-benefiċjarji**, f'konformità mal-oġettivi ġenerali u speċifiċi ddefiniti minn dan ir-Regolament u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istrateġiji nazzjonali rilevanti. Jenħtiegħ li l-qafas ta' programmazzjoni jidentifika l-oqsma li għandhom jiġu appoġġati permezz tal-assistenza b'allokazzjoni indikattiva għal kull qasam ta' appoġġ, inkluż stima tan-nefqa relatata mal-klima.

- (18) Huwa fl-interess tal-Unjoni li tassisti l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I fl-isforzi tagħhom għar-riforma bil-ħsieb ta' sħubija fl-Unjoni. L-assistenza jenħtieġ li tkun ġestita b'enfasi qawwija fuq ir-riżultati *u jenħtieġ tkun differenzjata fl-ambitu u fl-intensità skont il-prestazzjoni tal-benefiċjarji, inkluż permezz tal-inċentivar tal-impenn tagħhom għar-riformi ta' implimentazzjoni u l-progress fir-rigward tagħhom, partikolarment fl-oqsma tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività [...]* . *Bl-istess mod, jenħtieġ li l-assistenza tiżgura prevedibbiltà u bilanċ bejn il-benefiċjarji, b'kont meħud tas-sitwazzjoni, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet speċifiċi tagħhom kif ukoll l-appoġġ provdut taħt strumenti preċedenti.*
- (18a) *Fil-każ li abbażi ta' indikaturi rilevanti jiġu nnutati regressjoni sinifikattiva jew nuqqas ta' progress persistenti minn benefiċjarju elenkat fl-Anness I fl-oqsma koperti mill-approċċ tal-"fundamentali l-ewwel", l-ambitu u l-intensità tal-assistenza jenħtieġ ikunu modulati skont il-każ, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kunsill li jadotta miżuri restrittivi wara deċiżjoni dwar l-interruzzjoni jew it-tnaqqis, parzjalment jew kompletament, tar-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji ma' pajiż terz wieħed jew aktar skont l-Artikolu 215 TFUE u s-setgħa tal-Kummissjoni li tissospendi l-pagamenti jew l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' finanzjament skont ir-Regolament Finanzjarju.*
- (18b) *Biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu gwida strateġika adegwata fil-Kumitat tal-IPA, il-Kummissjoni għandha kull sena tevalwa l-implimentazzjoni tal-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA, filwaqt li tiddeskrivi kif intlaqtu l-approċċ ta' prestazzjoni u s-sehem ġust u l-approċċ ta' prestazzjoni. Din il-valutazzjoni għandha tinkludi wkoll sitwazzjoni attwali fil-livell ta' finanzjament għal kull objettiv kif ukoll għal kull benefiċjarju elenkat fl-Anness I. Għandha tippermetti wkoll li l-Kumitat tal-IPA jkollu informazzjoni adegwata u tipprovdi gwida dwar il-modulazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-intensità tal-assistenza.*

- (19) It-transizzjoni minn ġestjoni diretta mill-Kummissjoni tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni għal ġestjoni indiretta mill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I jenħtieġ li tkun progressiva u li timxi mal-kapaċitajiet rispettivi ta' dawk il-benefiċjarji. ***Din għandha titreġġa' lura f'oqsma speċifiċi ta' politika jew tal-programm fil-każ fejn benefiċjarju elenkat fl-Anness I jonqos milli jissodisfa l-obbligi rilevanti u li jamministra l-fondi tal-Unjoni f'konformità mar-regoli, il-prinċipji u l-oġettivi stabbiliti.*** Jenħtieġ li l-assistenza tkompli tagħmel użu mill-istrutturi u mill-istrumenti li wrew kemm huma ta' valur fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni.
- (20) L-Unjoni jenħtieġ li tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli sabiex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan jenħtieġ li jinkiseb permezz tal-koerenza u l-komplementarjetà bejn l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, kif ukoll permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji ma' politiki u programmi tal-Unjoni oħra, ***bħal Orizzont Ewropa, Erasmus, Ewropa Kreattiva jew il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.*** Dan jinkludi, fejn huwa rilevanti, il-koerenza u l-komplementarjetà mal-assistenza makrofinanzjarja.
- (21) Sabiex jimmassimizza l-impatt ta' interventi kkombinati biex jinkiseb għan komuni, dan ir-Regolament għandu jkun jista' jikkontribwixxi għal azzjonijiet taħt programmi oħra, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkunux ikopru l-istess kostijiet.
- (22) Il-finanzjament minn dan ir-Regolament jenħtieġ jintuża biex jiffinanzja azzjonijiet taħt id-dimensjoni internazzjonali ta' Erasmus, li l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li ssir skont ir-Regolament dwar l-Erasmus<sup>16</sup>.

---

<sup>16</sup> Ir-Regolament il-Ġdid dwar l-Erasmus

- (23) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw, b'mod partikolari, il-proċedura biex jiġi stabbilit u implimentat il-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet, implimentazzjoni indiretta, assistenza finanzjarja, appoġġ baġitarju, fondi fiduċjarji, strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji, u jipprevedu verifiki dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. [Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati rigward l-istat tad-dritt fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi, billi r-rispett għall-istat tad-dritt huwa essenzjali għal ġestjoni finanzjarja soda u finanzjament effettiv tal-UE.]
- (24) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jingħażlu fuq il-bażi tal-abbiltà tagħhom li jiksbu l-oġġettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jiksbu r-riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Ta' min jitqies l-użu ta' somom f'daqqa, prezzijiet fissi u kostijiet tal-unità, kif ukoll ta' finanzjament li ma jkunx marbut mal-kostijiet, kif inhu msemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.
- (25) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tapplika regoli komuni għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet esterni. Ir-regoli u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-istrumenti għall-finanzjament tal-azzjoni esterna tal-Unjoni huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru [NDICI] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li jiġu stipulati dispożizzjonijiet addizzjonali dettaljati biex jindirizzaw sitwazzjonijiet speċifiċi, b'mod partikolari għall-oqsma ta' politika tal-kooperazzjoni transfruntiera u tal-agrikoltura u żvilupp rurali.

- (26) L-azzjonijiet esterni spiss jiġu implimentati f'ambjent volatili ħafna u jkun hemm bżonn adattament rapidu u kontinwu għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tas-sħab tal-Unjoni u għal sfidi dinjija għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba, is-sigurtà u l-istabbiltà, it-tibdil fil-klima u l-ambjent, u l-migrazzjoni irregolari u l-għeruq tagħha. Li l-prinċipju tal-prevedibbiltà jiġi rikonċiljat mal-ħtieġa ta' reazzjoni rapida għal ħtiġijiet ġodda, għaldaqstant, jimplika li l-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi tiġi adattata. Biex tiżdied l-abbiltà tal-Unjoni li tirrispondi għal ħtiġijiet imprevisti, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit annwalment, ir-Regolament jenħtieġ li jippreserva l-possibbiltà li jiġu applikati l-flessibilitajiet diġà permessi mir-Regolament Finanzjarju għal politiki oħra, jiġifieri trasferimenti u impenji mill-ġdid ta' fondi impenjati, biex jiġi żgurat użu effiċjenti tal-fondi tal-UE, kemm għaċ-ċittadini tal-UE u għall-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, biex b'hekk jiġu massimizzati l-fondi tal-UE disponibbli għall-interventi ta' azzjoni esterna tal-UE.
- [(27) Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) il-ġdid, filwaqt li jibni fuq il-predeċessur tiegħu, jenħtieġ li jikkostitwixxi pakkett finanzjarju integrat li jagħti l-kapaċità ta' finanzjament fl-għamla ta' għotjiet, garanziji baġitarji u strumenti finanzjarji oħra madwar id-dinja, inkluż lill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I. Il-governanza għall-operazzjonijiet li jitwettqu skont dan ir-Regolament[...] jenħtieġ li jkomplu jiġu żgurati mill-Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent.
- (28) Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jenħtieġ li tappoġġa l-operazzjonijiet tal-EFSD+, u l-IPA III jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet ta' proviżjonament fir-rigward tal-operazzjonijiet għall-benefiċċju tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, inkluż il-proviżjonament u l-obbligazzjonijiet li jiġu minn self ta' assistenza makrofinanzjarja.]
- (29) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-programmi ta' kooperazzjoni transfruntieri jiġu implimentati b'mod koerenti mal-qafas stabbilit fil-programmi ta' azzjoni esterna u fir-regolament ta' kooperazzjoni territorjali. F'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet ta' kofinanzjament speċifiċi.



- (30) Pjanijiet ta' azzjoni u miżuri annwali jew multiannwali msemija fl-Artikolu 8 jikkostitwixxu programmi ta' ħidma skont ir-Regolament Finanzjarju. Pjanijiet ta' azzjoni annwali jew multiannwali jikkonsistu minn sett ta' miżuri raggruppati f'dokument wieħed.
- (31) F'konformità mar-**Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**<sup>17</sup> (ir- "**Regolament Finanzjarju**"), ir-Regolament (UE Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>18</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95<sup>19</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96<sup>20</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939<sup>21</sup>, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri effettivi u proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, il-kxif, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, **inkluż** [...] frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jagħmel investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi verifiki u spezzjonijiet fil-post, bil-ħsieb li jistabilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("**l-UPPE**") jista' jinvestiga u jwettaq il-prosekuzzjoni ta' [...] **reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni**, [...] kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>22</sup>. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe

---

<sup>17</sup> **Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).**

<sup>18</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

<sup>19</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

<sup>20</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fil-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, [...]p. 2).

<sup>21</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("**l-UPPE**") (ĠU L 283, 31.10.2017, [...] p. 1).

<sup>22</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-għieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni jenħtieġ tikkopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, [...] lill-UPPE *fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939*, u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I jenħtieġ ukoll li jirrappurtaw l-irregolaritajiet inkluż il-frodi li kienu s-suġġett ta' riżultanza amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, mingħajr dewmien, lill-Kummissjoni u jżommu lil din tal-aħħar infurmata dwar il-progress tal-proċediment amministrattiv u legali. Bl-għan ta' allinjament ma' prattiki tajbin fl-Istati Membri, dan ir-rappurtar jenħtieġ li jsir permezz ta' mezzi elettroniċi, bl-użu tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet, stabbilita mill-Kummissjoni.

[(32) [...]]

- (33) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta' kundizzjonijiet u strutturi speċifiċi għall-ġestjoni indiretta mal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I u fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-assistenza għall-iżvilupp rurali, jenħteġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħteġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità [mar-Regolament (UE) Nru 182/2011<sup>23</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]. Meta jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, it-tagħlimiet mitgħallma mill-ġestjoni u mill-implimentazzjoni tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni passata jenħteġ li jiġu kkunsidrati. Dawk il-kundizzjonijiet uniformi jenħteġ li jiġu emendati jekk l-iżviluppi jkunu jirrikjedu dan.
- (34) Il-kumitat stabbilit taħt dan ir-Regolament jenħteġ ikun kompetenti anki fir-rigward ta' atti legali u impenji taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006<sup>24</sup>, taħt ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 kif ukoll fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006<sup>25</sup>.
- (35) Sabiex tkun possibbli l-applikazzjoni fil-pront tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħteġ jidħol fis-seħħ fi *[...]* *[...] għoxrin]* jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

#### ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>23</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

<sup>24</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

<sup>25</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2667/2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 5).

## KAPITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

#### Artikolu 1

##### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm għall-"Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni" ("IPA III").

Jistipula l-oġġettivi proprji tiegħu, il-baġit għall-perijodu 2021 – 2027, il-forom ta' assistenza mill-Unjoni, u r-regoli biex tingħata tali assistenza.

#### Artikolu 2

##### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, **tapplika** d-definizzjoni[...] [...] li ġejja:

"kooperazzjoni transfruntiera" tfisser kooperazzjoni bejn l-**I**[...]stati **M**[...]embri [...]u l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I **kif imsemmi fil-punt (b) tal-[Artikolu 3(1) tar-Regolament KTE<sup>26</sup>]**, bejn żewġ benefiċjarji jew aktar elenkati fl-Anness I jew bejn benefiċjarji elenkati fl-Anness I u l-pajjiżi u t-territorji elenkati fl-Anness I tar-[Regolament NDICI] [...].

---

<sup>26</sup> COM(2018) 374 final - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern

## Artikolu 3

### *Objettivi tal-IPA III*

1. L-għan ġenerali tal-IPA III għandu jkun li l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I ikunu appoġġati fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tar-riformi politiċi, istituzzjonali, ġuridiċi, amministrattivi, soċjali u ekonomiċi meħtieġa minn dawk il-benefiċjarji biex jikkonformaw mal-valuri tal-Unjoni u biex progressivament jallinjaw ruħhom mar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-Unjoni bil-ħsieb tas-sħubija **futura** mal-Unjoni, biex b'hekk jikkontribwixxi għall-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità tagħhom.
2. L-IPA III għandu jkollu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:
  - (a) It-tiżni tal-istat tad-dritt, id-demokrazija [...] u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem[...] u tal-**libertajiet** fundamentali [...]; **dan jinkludi b'mod partikolari l-appoġġ għal riforma ġudizzjarja, sigurtà msaħħa u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-konformità mad-dritt internazzjonali, ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili, ir-rispett għad-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri** kif ukoll **l-appoġġ għat-titjib tal-ġestjoni tal-migrazzjoni inkluż il-ġestjoni tal-fruntieri u għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali;**
  - (b) Ir-rinforz tal-effettività tal-amministrazzjoni pubblika u l-appoġġ għar-riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha;
  - (c) It-tiswir tar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I f'allinjament ma' dawk tal-Unjoni u r-rinforz tal-**kooperazzjoni reġjonali**, ir-rikonċiljazzjoni u r-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien, kif ukoll tal-kuntatti bejn il-persuni u l-komunikazzjoni **strateġika;**
  - (d) It-tiżni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali **b'attenzjoni partikolari għaż-żgħażaġh** inkluż permezz ta' iktar konnettività **fid-dimensjonijiet kollha tagħha** u tal-politika dwar l-iżvilupp reġjonali, dik agrikola u rurali u tal-politiki soċjali u tal-impjiegi, it-tiżni tal-protezzjoni ambjentali, iż-żieda fir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, l-aċċellerazzjoni tat-transizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u l-iżvilupp tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali [...];

(e) L-appoġġ għall-*kooperazzjoni territorjali, inkluż* [...] il-kooperazzjoni transfruntiera, *transnazzjonali, marittima u interreġjonali*.

3. F'konformità mal-objettivi speċifiċi, il-prijoritajiet tematiċi għall-għoti tal-assistenza skont il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I huma stipulati fl-Anness II. Il-prijoritajiet tematiċi għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I huma stipulati fl-Anness III. Kull waħda minn dawn il-prijoritajiet tematiċi tista' tikkontribwixxi għall-kisba ta' iktar minn għan wieħed speċifiku.

### Artikolu [...] 3a

#### *Dispożizzjonijiet bejn il-programmi*

1. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandu jkun żgurat li jkun hemm il-konsistenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet ma' oqsma oħra tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, ma' politiki u programmi rilevanti tal-Unjoni oħra, kif ukoll il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.
2. [Ir-Regolament NDICI] għandu japplika għal-attivitajiet implimentati taħt dan ir-Regolament fejn imsemmi f'dan ir-Regolament.
3. L-IPA III għandu jikkontribwixxu għal azzjonijiet stabbiliti taħt ir-Regolament [ [...] Erasmus<sup>27</sup>]. [Ir-Regolament (UE) Erasmus] għandu japplika għall-użu ta' dawk il-fondi. Għal dan il-għan, il-kontribuzzjoni tal-IPA III għandha tiġi inkluża fid-dokument ta' programmazzjoni [...] uniku msemmi fil-paragrafu 7 tal-Artikolu 11 tar-[Regolament NDICI] u adottat f'konformità mal-proċeduri stipulati f'dak ir-Regolament. ***Dan id-dokument ta' programmazzjoni għandu jkun fih ammont minimu indikattiv sabiex jiġi allokat għal azzjonijiet stabbiliti taħt ir-Regolament [Erasmus].***

---

<sup>27</sup> COM(2018) 367 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi "Erasmus": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013.

4. L-assistenza taħt l-IPA III tista' tingħata *wkoll* lit-tip ta' azzjonijiet previsti fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u fil-Fond ta' Koeżjoni<sup>28</sup>, fil-Fond Soċjali Ewropew Plus<sup>29</sup> u fil-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali<sup>30</sup>.
5. Il-[FEŻR]<sup>31</sup> għandu jikkontribwixxi għal programmi jew miżuri stabbiliti għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I u Stat Membru. Dawn il-programmi u l-miżuri għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 16. L-ammont tal-kontribuzzjoni mill-IPA-[...] **Kooperazzjoni Transfruntiera** għandu jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 10 (3) tar-[Regolament KTE]. Il-Programmi IPA-Kooperazzjoni Transfruntiera għandhom jiġu mmaniġjati f'konformità mar-[Regolament KTE].
6. L-IPA III jista' jikkontribwixxi għal programmi jew miżuri ta' kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali li jkunu stabbiliti u implimentati taħt [ir-Regolament KTE], **b'kont meħud, fejn applikabbli, tal-istrateġiji makroreġjonali jew l-istrateġiji tal-baċini tal-baħar**, u li fih jipparteċipaw il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament.
7. Fejn xieraq, programmi oħra tal-Unjoni jistgħu jikkontribwixxu għal azzjonijiet stabbiliti bis-saħħa ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 8, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet. Dan ir-Regolament jista' wkoll jikkontribwixxi għal miżuri stabbiliti bis-saħħa ta' programmi oħra tal-Unjoni, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet. F'tali każijiet, il-programm ta' ħidma li jkopri dawn l-azzjonijiet għandu jistabbilixxi liema sett ta' regoli għandu japplika.

---

<sup>28</sup> COM(2018) 372 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni.

<sup>29</sup>COM(2018) 382 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)

<sup>30</sup> COM(2018) 392 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

<sup>31</sup> COM(2018) 372 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni.

8. F'ċirkostanzi debitament iġġustifikati u sabiex tiżgura l-koerenza u l-effettività tal-finanzjament tal-Unjoni jew biex trawwem il-kooperazzjoni reġjonali, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi l-eliġibbiltà tal-programmi u l-miżuri ta' azzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) għal pajjiżi, territorji u reġjuni **li kieku inkella ma jkunux eliġibbli għal finanzjament skont l-Artikolu 3(1)** [...], meta l-programm jew il-miżura li għandha tiġi implimentata tkun ta' natura globali, reġjonali jew transfruntiera.

*Artikolu [...] 3b*

*Baġit*

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-IPA III għall-perijodu 2021-2027 għandu jkun ta' [EUR 14 500 000 000 fi prezzijiet attwali].
2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal [...] **miżuri ta' appoġġ finanzjarju** għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni inkluż sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva **f'konformità mal-Artikolu 20 tar-[Regolament NDICI]** [...].



## KAPITOLU II

### IPPJANAR STRATEĠIKU

#### Artikolu 6

##### *Qafas ta' politika u prinċipji ġenerali*

1. ***L-assistenza taħt dan ir-Regolament għandha tiġi provduta skont [...]il-qafas tal-politika tat-tkabbir kif definit mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill, il-ftehimiet li jistabbilixxu relazzjoni legalment vinkolanti mal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, u għandha tieħu kont debitu [...] tar-risoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew, il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni jew il-Komunikazzjonijiet konġunti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà [...]. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koerenza bejn il-qafas ta' politika tat-tkabbir u tal-assistenza.***
2. Il-programmi u l-azzjonijiet taħt dan ir-Regolament ***bil-għan li jintlaħqu l-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3*** għandhom jintegraw ***il-prijoritajiet orizzontali li ġejjin:*** it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u għandhom, fejn applikabbli, jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli<sup>32</sup>, biex jippromwovu azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilħqu oġġettivi multipli b'mod koerenti.
- 2a. ***Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni lejn trasparenza u sens ta' responsabbiltà akbar fl-għoti ta' assistenza, inkluż billi tagħmel disponibbli permezz ta' bażijiet ta' data bbażati fuq il-web informazzjoni dwar il-volum u l-allokazzjoni tal-assistenza, filwaqt li jiġi żgurat li d-data tkun komparabbli u tkun tista' tiġi faċilment kondiviża u ppubblikata u li jkun hemm aċċess faċli għaliha.***

---

<sup>32</sup>[https://ec.europa.eu/europeaid/policies/sustainable-development-goals\\_en](https://ec.europa.eu/europeaid/policies/sustainable-development-goals_en)

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiżguraw il-koerenza u għandhom jagħmlu hilitom biex jevitaw id-duplikazzjoni bejn l-assistenza mogħtija taħt l-IPA III u assistenza oħra mogħtija mill-Unjoni, mill-Istati Membri u mill-Bank Ewropew tal-Investment (*BEI*), f'konformità mal-prinċipji stabbiliti għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni operazzjonali fil-qasam tal-assistenza esterna, ***inkluż permezz ta' koordinazzjoni msaħħa mal-Istati Membri fil-livell lokali***, u għall-armonizzazzjoni tal-politiki u l-proċeduri, b'mod partikolari l-prinċipji internazzjonali dwar l-effettività tal-iżvilupp<sup>33</sup>. Il-koordinazzjoni għandha tinvolvi konsultazzjonijiet regolari ***u f'waqthom***, skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' assistenza u laqgħat inklużivi mmirati lejn il-koordinazzjoni tal-assistenza, ***inkluż fil-livell lokali***, u għandha tikkostitwixxi pass ewlieni fil-proċessi ta' programmazzjoni [...].
- 3a. F'konformità mal-prinċipju ta' sħubija inklużiva, fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, inkluż l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, jiġu kkonsultati kif dovut u jkollhom aċċess f'waqtu għall-informazzjoni rilevanti li tippermettilhom ikollhom rwol sinifikanti matul it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-proċessi assoċjati ta' monitoraġġ tal-programmi.***
4. Il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, għandha wkoll tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura l-koordinazzjoni u l-komplementarjetà ma' organizzazzjonijiet u entitajiet multilaterali u reġjonali, bħal organizzazzjonijiet internazzjonali u istituzzjonijiet finanzjarji, aġenziji, u donaturi mhux tal-Unjoni.

---

<sup>33</sup>[https://ec.europa.eu/europeaid/policies/eu-approach-aid-effectiveness\\_en](https://ec.europa.eu/europeaid/policies/eu-approach-aid-effectiveness_en)

### KAPITOLU III

#### IMPLIMENTAZZJONI

##### Artikolu 7

##### *Qafas ta' programmazzjoni tal-IPA*

1. L-assistenza taħt il-IPA III għandha tkun ibbażata fuq il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għall-kisba tal-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2) **u l-prijoritajiet tematiċi msemmija fl-Annessi II u III**. Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni għad-durata tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni.
2. Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA **għandu jiġi żviluppat f'konformità mal-qafas ta' politika u l-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 6 u** għandu jieħu kont dovut tal-istrategġiji nazzjonali rilevanti u tal-politiki tas-settur.
  - 2a. **Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu jinkludi allokazżjoni indikattiva tal-fondi tal-Unjoni għal kull oġġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2), skont kif applikabbli, imqassma għal kull sena, u għandu jippermetti li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet emerġenti, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tiġi kkombinata flimkien l-assistenza li tikkontribwixxi għall-kisba ta' oġġettivi speċifiċi differenti.**

[...]
  - [...] 2b. Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu jinkludi indikaturi għall-valutazzjoni tal-progress fir-rigward tal-kisba tar-**riżultati mistennija** [...] stabbiliti [...] **f'konformità mal-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2). Dawn l-indikaturi għandhom ikunu koerenti mal-indikaturi msemmija fl-Anness IV.**

3. 2c. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami tal-Kumitat imsemmija fl-Artikolu 16.
- 2d. *Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni annwali tal-implimentazzjoni tal-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 6 u abbażi tal-indikaturi msemmija fil-paragrafu 2b. Din il-valutazzjoni għandha tinkludi wkoll rendikont tas-sitwazzjoni attwali tal-allokkazzjonijiet impenjati u ppjanati għal kull benefiċjarju u tal-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq is-sehem ġust u r-risultati msemmija fl-Artikolu 7a. Din il-valutazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 16.*
- 2e. *Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi reviżjoni tal-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA, kif xieraq skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2c. Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA jista' jiġi rivedut ukoll wara l-evalwazzjoni interim u jista' jiġi rivedut skont kif xieraq.*
4. Il-qafas ta' programmazzjoni għall-kooperazzjoni transfruntiera mal-Istati Membri għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10 (1) tar-[Regolament KTE].

## Artikolu 7a

### *Assistenza lill-benefiċjarji, valutazzjoni tal-prestazzjoni u sehem ġust*

- 1. L-assistenza lill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I għandha tiġi deċiża fil-qafas tal-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 8.*
- 2. L-assistenza għandha tkun immirata u aġġustata għas-sitwazzjoni speċifika tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, b'kont meħud ta' sforzi ulterjuri meħtieġa biex jinkisbu l-obbjettivi ta' dan ir-Regolament. Il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet ta' dawk il-benefiċjarji għandhom ukoll jiġu meqjusa skont il-prinċipju ta' sehem ġust sabiex jiġi evitat livell sproporzjonatament baxx ta' assistenza meta mqabbel ma' benefiċjarji oħra.*
- 3. L-assistenza għandu jkollha l-għan li tiżgura li jsir progress mill-benefiċjarji kollha u għandha tkun differenzjata fl-ambitu u fl-intensità tagħha skont ir-riżultati miksuba, b'mod partikolari l-impenn lejn ir-riformi u l-progress miksub fl-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll skont il-ħtiġijiet tagħhom.*
- 4. Fil-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I u fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-assistenza li għandha tiġi pprovduta, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-isforzi li saru fil-qasam tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali, l-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività.*
- 5. Fil-każ ta' rigressjoni sinifikattiva jew nuqqas persistenti ta' progress minn benefiċjarju elenkat fl-Anness I fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 4 kif imkejjel mill-indikaturi msemmija fl-Artikolu 7(2b), l-ambitu u l-intensità tal-assistenza għandhom ikunu modulati skont il-każ, f'konformità mal-paragrafu 1, inkluż permezz tat-tnaqqis b'mod proporzjonali u r-ridirezzjonar tal-fondi, b'modi li għandhom jevitaw li jiġi compromess l-appoġġ għat-titjib tad-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, inkluż l-appoġġ għas-soċjetà ċivili u, fejn ikun il-każ, il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali. Fejn ikun reġa' beda l-progress, l-assistenza għandha wkoll tkun modulata skont il-każ f'konformità mal-paragrafu 1 biex dawk l-isforzi jiġu appoġġati ulterjorment.*

## Artikolu 8

### *Miżuri u metodi ta' implimentazzjoni*

1. L-assistenza taħt l-IPA III għandha tiġi implimentata f'għestjoni diretta jew f'għestjoni indiretta skont ir-Regolament Finanzjarju permezz ta' pjanijiet u miżuri ta' azzjoni pluriennali kif imsemmi fil-Kapitolu III tat-Titolu II tar-[Regolament NDICI]. ***Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16.*** Il-Kapitolu III tat-Titolu II tar-[Regolament NDICI] għandu japplika għal dan ir-Regolament bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 24 [persuni u entitajiet eliġibbli].
2. Skont dan ir-Regolament, il-pjanijiet ta' azzjoni jistgħu jiġu adottati għal perijodu li jlaħħaq is-seba' snin.

## Artikolu 9

### *Kooperazzjoni Transfruntiera*

1. Sa 3 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat b'mod indikattiv għall-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera bejn il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I u l-Istati Membri, f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħhom.
2. Ir-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni fil-livell ta' kull prijorità ma għandhiex tkun ogħla minn [85 %] tan-nefqa eliġibbli ta' programm ta' kooperazzjoni transfruntiera. Għall-assistenza teknika r-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni għandha tkun 100 %.
3. Il-livell ta' prefinanzjament għall-kooperazzjoni transfruntiera mal-istati membri għandu ***jammonta għal 50 % tal-ewwel tliet impenji baġitarji għall-programm [...]***.
4. Meta programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera ma jitkomplewx skont l-Artikolu 12 tar-Regolament KTE], l-appoġġ minn dan ir-Regolament għall-programm li ma tkompliex u li jibqa' disponibbli jista' jintuża biex jiffinanzja kwalunkwe azzjoni oħra eliġibbli taħt dan ir-Regolament.

## KAPITOLU IV

### DISPOŻIZZJONIJIET TA' ELIĠIBBILTÀ U DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI OĦRA

#### Artikolu 10

##### *Eliġibbiltà għall-finanzjament taħt l-IPA III*

1. [...] ***Il-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist, ta' għotjiet u ta' għoti ta' premijiet għal azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament għandha tkun miftuħa għal organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali u għall-persuni fiżiċi l-oħra kollha, li huma ċittadini ta', u persuni ġuridiċi, li huma effettivament stabbiliti fi:***
  - (a) Stati Membri, il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament, il-partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u l-pajjiżi koperti mill-Anness I għar-[Regolament NDICI], u
  - (b) pajjiżi li fir-rigward tagħhom l-aċċess reċiproku għall-assistenza esterna huwa stabbilit mill-Kummissjoni. Aċċess reċiproku jista' jingħata għal perijodu limitat ta' mill-anqas sena, kull meta pajjiż jagħti eliġibbiltà fuq termini ugwali lill-entitajiet mill-Unjoni u mill-pajjiżi eliġibbli skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-aċċess reċiproku wara konsultazzjoni tal-pajjiż jew il-pajjiżi riċeventi kkonċernati.



## KAPITOLU V

### [GARANZIJI BAĠITARJI U TAL-EFSD+

#### Artikolu 11

##### *Strumenti finanzjarji u garanzija għall-azzjoni esterna*

1. Il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I għandhom ikunu eliġibbli għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) u għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna kif previst fil-Kapitolu IV tat-Titolu II tar-[Regolament NDICI]. Għal dan il-għan l-IPA III għandu jikkontribwixxi għall-proviżjonament relatat mal-garanzija għall-azzjoni esterna msemmija fl-Artikolu 26 tar-[Regolament NDICI] b'mod proporzjonali għall-investimenti mwettqa għall-benefiċċju tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I.]

## KAPITOLU VI

### MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

#### Artikolu 12

##### *Monitoraġġ, awditu, evalwazzjoni u protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

1. [...] [**L-Artikolu 31 tar-Regolament NDICI**] fir-rigward tal-monitoraġġ [...] **u** r-rappurtar [...] għandu japplika għal dan ir-Regolament. ***Ir-rapport annwali msemmi fl-[Artikolu 31(5) tar-Regolament NDICI] għandu jkun fih ukoll informazzjoni dwar impenji u pagamenti għal kull strument (IPA, IPA II u IPA III).***
2. L-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-progress tal-IPA III [...] lejn il-ksib tal-obiettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3 huma mniżżlin fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.

3. Għall-kooperazzjoni transfruntiera mal-Istati Membri, l-indikaturi għandhom ikunu daww imsemmijin fl-Artikolu 33 tar-[Regolament KTE].
4. Flimkien mal-indikaturi msemmija fl-Anness IV, ir-rapporti dwar it-tkabbir għandhom jitqiesu fil-qafas tar-riżultati tal-assistenza tal-IPA III.
- 4a. *Il-Kummissjoni għandha tirrapporta annwalment lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 16 dwar l-implimentazzjoni finanzjarja ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rapport għandu jinkludi:*
  - (a) *ammonti impenjati;*
  - (b) *ammonti kkuntrattati;*
  - (c) *ammonti mħallsa;*
  - (d) *allokazzjoni ta' impenji skont l-oġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3;*
  - (e) *ammonti kkuntrattati skont it-tip ta' benefiċjarju (pereżempju, aġenziji tal-Istati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili);*
  - (f) *ammonti kkuntrattati skont l-istrument ta' implimentazzjoni tal-baġit (pereżempju, għotjiet, taħlit, appoġġ baġitarju).*
- 4b. *L-informazzjoni dwar il-volum u l-allokazzjoni tal-assistenza li jinsabu fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 12(1) ser tkun disponibbli f'bażijiet ta' data bbażati fuq il-web.*
- 4c. *[L-Artikolu 32 tar-Regolament NDICI] fir-rigward tal-evalwazzjoni interim u dik interim għandu japplika mutatis mutandis.*
5. Flimkien mal-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, taħt ġestjoni indiretta, il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I għandhom jirrapportaw l-irregolaritajiet inkluż il-frodi li kienu s-suġġett ta' riziultanza amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, mingħajr dewmien, lill-Kummissjoni u jżommu lil din tal-aħħar infurmata dwar il-progress tal-proċediment amministrattiv u legali. Ir-rapportar għandu jsir permezz ta' mezzi elettroniċi, bl-użu tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet, stabbilita mill-Kummissjoni.

*KAPITOLU VII*

*DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

## *Artikolu 15*

### *Adozzjoni ta' regoli ta' implimentazzjoni ulterjuri*

1. Ir-regoli speċifiċi li jistabbilixxu kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment b'rabta mal-istrutturi li għandhom jitwaqqfu bi tħejjija għall-adeżjoni u għall-għajnuna għall-iżvilupp rurali, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16.
2. [...]

## Artikolu 16

### Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat **għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni** ("[...] il-Kumitat **IPA III**"). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira [...]tar-Regolament (UE) Nru 182/2011[...].
  - 1a. **Il-Kumitat IPA III għandu jassisti lill-Kummissjoni billi jipprovdi gwida strateġika biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3 fid-dawl tal-valutazzjoni annwali pprovduta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(2d) u l-Artikolu 12(4a).**
  - 1b. **Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.**
  - 1c. **Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat IPA III għandhom jipprevedu limiti ta' żmien adegwati li jippermettu lill-membri tal-kumitat opportunitajiet bikrija, f'waqthom u effettivi biex jeżaminaw l-abbozz ta' atti ta' implimentazzjoni u biex jesprimu l-fehmiet tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.**
2. Fejn ikun meħtieġ li tinkiseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-ħruġ tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk, jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat titlob hekk.
3. Osservatur mill-BEI għandu jipparteċipa fil-proċedimenti tal-Kumitat **IPA III** fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw il-BEI.
4. Il-Kumitat tal-IPA III għandu jassisti lill-Kummissjoni u għandu jkun kompetenti wkoll għall-atti legali u l-impenji skont ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006, ir-Regolament 231/2014 kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006.
5. Il-Kumitat tal-IPA III ma għandux ikun kompetenti għall-kontribuzzjoni għal Erasmus+ kif speċifikat fl-Artikolu [...] **3a(3)**.

Artikolu 17

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

[...]

- <sup>34</sup>1. *Ir-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil udjenzi multipli, inkluż lill-midja u lill-pubbliku.*
2. *Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati ma' dan ir-Regolament, u l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokat i għal dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn dawn il-prijoritajiet ikunu direttament relatati mal-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 3.*
3. *Kwistjonijiet ta' sigurtà jew sensittivitajiet politiċi lokali jistgħu jagħmluha preferibbli jew neċessarja li l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u viżibbiltà jiġu limitati f'ċerti pajjiżi jew żoni jew matul ċerti perjodi. F'każijiet bħal dawn, l-udjenza mmirata u l-għodod, il-prodotti u l-kanali ta' viżibbiltà li għandhom jintużaw għall-promozzjoni ta' azzjoni partikolari għandhom jiġu determinati fuq bażi ta' każ b'każ, b'konsultazzjoni u qbil mal-Unjoni. Meta jkun meħtieġ intervent rapidu b'reazzjoni għal kriżi għal għarrieda, mhuwiex neċessarju li jiġi prodott pjan sħiħ ta' komunikazzjoni u viżibbiltà immedjatament. F'każijiet bħal dawn, madankollu, l-appoġġ tal-Unjoni xorta waħda għandu jiġi indikat b'mod xieraq mill-bidu.]*

---

<sup>34</sup> Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu allinjati mat-test finali fl-Artikoli 36 u 37 tar-Regolament NDICI.

## Artikolu 18

### Dispożizzjonijiet transitorji

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, bis-saħħa tar-Regolament 231/2014 [IPA II] u r-Regolament (KE) Nru 1085/2006 [IPA] li għandhom ikomplu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom. Il-Kapitolu III tat-Titolu II tar-[Regolament NDICI], li preċedentement kien taħt ir-Regolament 236/2014, għandu japplika għal dawn l-azzjonijiet, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 24.
2. Il-pakkett finanzjarju għall-IPA III jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-transizzjoni bejn l-IPA III u l-miżuri adottati taħt il-predeċessor tiegħu, l-IPA II, ***kif ukoll kwalunkwe attività relatata mat-tħejjija tal-programm suċċessur għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni.***
3. Jekk meħtieġ, jistgħu jiddaħħlu approprjazzjonijiet fil-baġit lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż previsti fl-Artikolu 4(2), sabiex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet mhux kompletati.

## Artikolu 19

### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fi [...] [l-għoxrin jum] wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## ANNEX I

l-Albanija

il-Bożnija-Herzegovina

l-Iżlanda

il-Kosovo\*

il-Montenegro

is-Serbja

it-Turkija

[...] *Ir-Repubblika tal-*Maċedonja *ta' Fuq*

---

---

\* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.



## ANNEX II

### Prijoritajiet tematiċi għall-assistenza

L-assistenza tista', skont il-każ, tindirizza l-prijoritajiet tematiċi li ġejjin, *inkluż permezz ta' kooperazzjoni reġjonali*:

- (a) **L-istabbiliment u l-promozzjoni sa minn stadju bikri tal-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet demokratiċi u tal-istituzzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi żgurat l-istat tad-dritt.** L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: jistabbilixxu sistemi ġudizzjarji indipendenti, *depolitiċizzati*, responsabbli u effiċjenti, inkluż rekrutazzjoni trasparenti u bbażat fuq il-mertu u jippromwovu kooperazzjoni ġudizzjarja, sistemi ta' evalwazzjoni u ta' promozzjoni u proċeduri dixxiplinari effettivi f'każijiet ta' għemil ħażin, *aċċess għall-ġustizzja*, [...]; *jippromwovu u jiproteġu d-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tat-tfal*, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inkluż *minoranzi nazzjonali*, ir-Rom, kif ukoll persuni leżbjani, gay, transġeneru u intersesswali, *u l-libertajiet fundamentali* [...] , *filwaqt li jiżguraw klima sikura li tagħti lok għall-eżerċizzju mingħajr xkiel tal-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tal-midja*.
- (aa) *It-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex jiffaċċjaw l-isfidi tal-migrazzjoni. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: tiġi kondiviża l-informazzjoni rilevanti*, filwaqt li jiġi żgurat l-istabbiliment ta' sistemi robusti għall-protezzjoni tal-fruntieri, *għall-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni u għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali*, [...] *kif ukoll biex tkun provduta [...] protezzjoni internazzjonali lil dawk li jikkwalifikaw għaliha*.

- (ab) *It-titjib tal-abbiltà sabiex tkun żgurata s-sigurtà. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li:* jiżviluppaw għodod effettivi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar ta' bnedmin *u ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir*, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, il-ħasil tal-flus/il-finanzjament tat-terroriżmu u l-korruzzjoni; *jappoġġaw l-involvement akbar mal-Unjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni.*
- (ac) *It-titjib tal-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni strateġika, inkluż il-komunikazzjoni mal-pubbliku dwar ir-riformi meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-kriterji ta' sħubija mal-UE. L-isforzi f'dan il-qasam għandhom jimmiraw li jappoġġaw l-iżvilupp ulterjuri ta' midja indipendenti u pluralistika u ta' litteriżmu fil-midja u għandhom iservu, fost l-oħrajn, bħala mezz biex tiżdied ir-reżiljenza tal-istat u dik tas-soċjetà għad-diżinformazzjoni u għal forom oħra ta' theddid ibridu.*
- (b) **Ir-riforma tal-amministrazzjonijiet pubbliċi f'konformità mal-prinċipji ta' governanza tajba, b'mod partikolari l-Prinċipji tal-Amministrazzjoni Pubblika.** L-interventi għandu jkollhom l-għan li: jsaħħu l-oqfsa ta' riforma tal-amministrazzjoni pubblika, *inkluż fil-qasam tal-akkwist pubbliku*; itejbu l-ippjanar strateġiku u l-iżvilupp politiku u l-iżvilupp leġislattiv inklużiv u bbażat fuq l-evidenza; itejbu l-professjonalizzazzjoni u depolitiċizzazzjoni tas-servizz pubbliku billi jinkorporaw prinċipji meritokratiċi; jippromwovu t-trasparenza u r-responsabbiltà; itejbu l-kwalità u l-għoti ta' servizzi, inklużi proċeduri amministrattivi xierqa u l-użu ta' gvern elettroniku ffukat fuq iċ-ċittadini; isaħħu l-amministrazzjoni finanzjarja pubblika u l-produzzjoni ta' statistika affidabbli.
- (c) *Il-kisba tal-istandards tal-Unjoni fl-ekonomija, inkluż ekonomija tas-suq li tiffunzjona, kif ukoll [...]it-tiħih tal-governanza fiskali u ekonomika:* L-interventi għandu jkollhom l-għan li jappoġġaw il-parteċipazzjoni fil-proċess tal-programm ta' riforma ekonomika (ERP – economic reform proċess) u l-kooperazzjoni sistematika mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rigward il-prinċipji fundamentali tal-politika ekonomika. It-titjib tal-kapaċità ta' tiħih tal-istabbiltà makroekonomika u l-appoġġ tal-progress ta' żvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona bil-kapaċità li tlaħħaq mal-pressjonijiet kompetittivi u l-forzi tas-suq ġewwa l-Unjoni[...].

- (ca) *It-tisħiħ ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, stabbiltà reġjonali u kooperazzjoni reċiproka, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-kuntatti bejn il-persuni u l-appoġġ għal inizjattivi kostruttivi.*
- (d) **It-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni u tas-sħab tagħha biex jipprevjenu l-kunflitti, jibnu l-paċi u jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' qabel u ta' wara kriżi** inkluż permezz ta' twissija bikrija u analiżi tar-riskju sensitiva għall-kunflitti; [...] ir-rikonċiljazzjoni, miżuri għall-bini tal-paċi u għall-bini tal-fiduċja, appoġġ għal azzjonijiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet għas-sigurtà u l-iżvilupp (CBSD).
- (e) **It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** u l-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali inkluż assoċjazzjonijiet professjonali, f'benefiċjarji elenkati fl-Anness I u l-inkoraġġiment ta' netwerking fil-livelli kollha fost l-organizzazzjonijiet ibbażati fl-Unjoni u dawk ta' benefiċjarji elenkati fl-Anness I, biex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi djalogo effettiv mal-atturi pubbliċi u privati.
- (f) **Il-promozzjoni tal-allinjament tar-regoli**, l-istandards, il-politiki u l-prattiki **tal-pajjiżi sħab** ma' dawk tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.
- (fa) *Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li jstabbilixxu ambjent aktar abilitanti biex jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniet u tan-nisa u biex jinkiseb titjib reali u tanġibbli fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż permezz tal-iżgurar tal-integrità fiżika u psikoloġika tal-bniet u tan-nisa, il-promozzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali tagħhom, u t-tisħiħ tal-vuċi u l-parteċipazzjoni tal-bniet u tan-nisa, inkluż permezz tal-appoġġ ta' bbaġitjar sensitiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru u l-ġbir ta' data diżaggregata skont is-sess u l-età.*

- (g) **It-tisħiħ tal-aċċess għal edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja u tal-kwalità taġhom f'kull livell, u l-offerta ta' appoġġ lis-setturi kulturali u kreattivi.** L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: jippromwovu aċċess ugwali għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità, għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità, filwaqt li jtejbu l-forniment ta' tal-ħiliet bażiċi; iżidu l-livelli edukattivi milħuqa, **jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ**, filwaqt li jnaqqsu t-tluq bikri mill-iskola u jsaħħu t-taħriġ tal-ġhalliema. Jiżviluppaw sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ vokazzjonali (VET) u jippromwovu sistemi ta' taġlim ibbażat fuq ix-xoġhol biex tkun iffaċilitata t-transizzjoni għas-suq tax-xoġhol, **inkluż għall-persuni b'diżabbiltà**; itejbu l-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni għolja **u tar-riċerka**; jinkoraġġixxu attivitajiet relatati mal-alumni; itejbu l-aċċess għat-taġlim tul il-ħajja u jappoġġaw l-investiment fl-edukazzjoni **inklużiva** u f'infrastruttura tat-taħriġ **aċċessibbli** b'mod partikolari bil-ħsieb li jitnaqqsu d-disparitajiet territorjali u titrawwem edukazzjoni mingħajr segregazzjoni u inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali **aċċessibbli**.
- (h) **It-trawwim ta' impjegi ta' kwalità u l-aċċess għas-suq tax-xoġhol.** L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: jindirizzaw il-livell għoli ta' qgħad u ta' inattività billi jappoġġaw l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xoġhol, b'mod partikolari taż-żgħażaġħ (speċjalment dawk barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEET)), in-nisa, il-persuni qiegħda fit-tul u l-gruppi kollha li mhumiex rappreżentati biżżejjed. Il-miżuri għandhom jstimulaw il-ħolqien tal-impjegi u jappoġġaw l-infurzar effettiv tar-regoli u l-istandards tax-xoġhol fit-territorju kollu. Oqsma ewlenin oħra ta' intervent għandhom ikunu l-appoġġ għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri **u ż-żgħażaġħ**, il-promozzjoni tal-impjegabbiltà u l-produttività, l-adattament tal-ħaddiema u tal-intrapriżi għall-bidla, l-istabbiliment ta' dialogu soċjali sostenibbli u l-immodernizzar u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xoġhol bħas-servizzi tal-impjegi pubbliċi u l-ispettorati tax-xoġhol.

- (i) **Il-promozzjoni tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali u l-għlieda kontra l-faqar.** L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li jimmodernizzaw is-sistemi tal-protezzjoni soċjali biex jipprovdu protezzjoni effettiva, effiċjenti, u adegwata fl-istadji kollha tal-ħajja ta' persuna, *jippromowvu t-transizzjoni minn kura istituzzjonali għal waħda fil-familja u bbażata fil-komunità*, irawmu l-inklużjoni soċjali, jippromwovu l-opportunitajiet indaqs u jindirizzaw l-inugwaljanzi u l-faqar. L-interventi f'dan il-qasam għandhom jiffokaw ukoll fuq: l-integrazzjoni ta' komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom; il-għlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, [...] *ir-razza, il-kultur*, l-oriġini etnika *jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa*, ir-reliġjon jew it-twelmin, *l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid*, diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali; it-titjib fl-aċċess għal servizzi affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità għolja, bħall-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, is-settur tal-abitazzjoni, il-kura tas-saħħa, servizzi soċjali essenzjali u kura fit-tul, inkluż permezz tal-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali.
- (j) **Il-promozzjoni ta' trasport intelliġenti, sostenibbli, inklużiv u sikur u t-tneħħija ta' konġestjoni fl-infrastrutturi tan-netwerk prinċipali**, permezz ta' investiment fi proġetti [...] b'valur *Ewropew miżjud* għoli[...]. Jenħtieġ li l-investimenti jiġu pprijoritizzati skont ir-relevanza tagħhom għall-konnessjonijiet TEN-T mal-UE, il-kontribuzzjoni għall-mobilità sostenibbli, it-tnaqqis fl-emissjonijiet, l-impatt ambjentali, il-mobilità sikura, f'sinerġija mar-riformi promossi mit-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport.
- (ja) **It-titjib tas-sigurtà u tad-diversifikazzjoni tal-enerġija.** *L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li jżidu l-effiċjenza fl-użu u l-produzzjoni tal-enerġija kif ukoll li jiddiversifikaw il-pajjiżi u r-rotot fornituri.*
- (k) **It-titjib tal-ambjent tas-settur privat u l-kompetittività tal-intrapriżi**, inkluż l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, bħala muturi ewlenin għat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni. Għandha tingħata prijorità għal proġetti li jtejjbu l-ambjent tan-negozju.

- (l) **It-titjib fl-aċċess għat-teknoloġiji u s-servizzi diġitali u t-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni** billi jsir investment *fil-bini tal-kapaċità fir-riċerka u f'sistemi tal-innovazzjoni, fil-mobbiltà u fl-iskemi ta' għotjiet adattati biex jippromwovu l-prinċipju ta' eċċellenza xjentifika*, fil-konnettività diġitali, fil-fiduċja u s-sigurtà diġitali, fil-ħiliet u l-intraprenditorija diġitali, kif ukoll fl-infrastruttura tar-riċerka u ambjent abilitanti u billi jiġu promossi n-netwerking u l-kollaborazzjoni. **L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan ukoll li jstabbilixxu hubs ta' eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jiġi indirizzat l-eżodu ta' mħuħ tar-riċerkaturi.**
- (m) **Il-kontribut għas-sigurtà u s-sikurezza tal-provvista alimentari** u ż-żamma ta' sistemi tal-biedja diversifikati u vijabbli f'komunitajiet rurali vibranti u fil-kampanja.
- (n) **Il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent**, l-indirizzar tad-degradazzjoni ambjentali u t-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità, il-promozzjoni tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar u tal-art u ta' riżorsi naturali rinnovabbli, ***l-investment fil-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart u l-ġestjoni kimika sostenibbli***, il-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u l-appoġġ tat-tranżizzjoni għal ekonomiji ekoloġiċi u ċirkulari, il-kontribuzzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, iż-żieda fir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-promozzjoni ta' governanza tal-azzjoni klimatika u tal-informazzjoni dwarha u tal-effiċjenza enerġetika. L-IPA III għandu jippromwovi politiki li jappoġġaw it-transizzjoni lejn ekonomija b'użu baxx ta' karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, sikura u sostenibbli u li jsaħħu r-reżiljenza għad-diżastri kif ukoll il-prevenzjoni tad-diżastri u l-istat ta' tħejjija u r-rispons għalihom. [...].

- (o) [...] *Il-kooperazzjoni mal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I fl-użu paċifiku tal-enerġija nukleari fl-oqsma tas-saħħa, l-agrikoltura u s-sikurezza tal-ikel filwaqt li tkun żgurata l-konformità sħiħa mal-ogħla standards internazzjonali; kif ukoll l-appoġġ għal azzjonijiet li jindirizzaw il-konsegwenzi fuq il-popolazzjoni lokali esposta għal kwalunkwe inċident radjoloġiku u bil-għan li jitjiebu l-kondizzjonijiet tal-ġhajxien tagħhom; il-promozzjoni tal-ġestjoni tal-għarfien, it-taħriġ u l-edukazzjoni f'oqsma relatati man-nukleari.*
- (p) **Iż-żieda fl-abbiltà tas-settur agroalimentari u dak tas-sajd** biex ilaħħqu mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq kif ukoll biex jallinjaw ruħhom progressivament mar-regoli u l-istandards tal-Unjoni, filwaqt li jfittxu li jiksbu l-għanijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali fi żvilupp territorjali bbilanċjat taż-żoni rurali u kostali.
-

### ANNEX III

#### **Prijoritajiet tematiċi għal assistenza għal kooperazzjoni transfruntiera**

##### ***bejn il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I***

***Bil-ħsieb li jkunu promossi relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, titrawwem l-integrazzjoni tal-Unjoni u jiġi promoss l-iżvilupp soċjoekonomiku, [...] l-assistenza għal kooperazzjoni transfruntiera bejn il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tista', skont il-każ, tindirizza l-prijoritajiet tematiċi li ġejjin:***

- (a) il-promozzjoni tal-impjiegi, il-mobilità tal-forza tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali u kulturali bejn pajjiż u ieħor, fost l-oħrajn permezz ta': l-integrazzjoni tas-swieq tax-xogħol transfruntiera, inkluż il-mobbiltà transfruntiera; inizzjattivi konġunti ta' impjieg lokali; servizzi ta' informazzjoni u konsulenza u taħriġ konġunt; l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; l-oportunitajiet indaqs; l-integrazzjoni tal-komunitajiet tal-immigranti u tal-gruppi vulnerabbli; l-investment fis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi; u l-appoġġ tal-investment fis-saħħa pubblika u s-servizzi soċjali;
- (b) il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji, fost l-oħrajn permezz ta': azzjonijiet konġunti għal protezzjoni ambjentali; il-promozzjoni tal-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali, ippjanar spazjali marittimu kkoordinat, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-ekonomija ċirkolari, sorsi ta' enerġija rinnovabbli u t-transizzjoni lejn ekonomija ekoloġika b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sikura u sostenibbli; ***it-titjib tal-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma***, il-promozzjoni tal-investment biex jiġu indirizzati riskji speċifiċi, l-iżgurar tar-reżiljenza għad-diżastri u l-prevenzjoni, tħejjija u rispons għad-diżastri;
- (c) il-promozzjoni ta' trasport sostenibbli u t-titjib fl-infrastrutturi pubbliċi, fost l-oħrajn permezz ta': it-tnaqqis tal-iżolament permezz ta' aċċess imtejjeb għat-trasport, in-netwerks u s-servizzi diġitali u l-investment f'sistemi u faċilitajiet transfruntiera tal-ilma, l-iskart u l-enerġija;



- (d) il-promozzjoni tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali billi fost l-oħrajn, jintużaw il-konnettività diġitali, l-iżvilupp ta' servizzi tal-gvern elettroniku, ta' fiduċja u sigurtà diġitali, kif ukoll ta' ħiliet diġitali u intraprenditorija;
- (e) l-inkoraġġiment tat-turiżmu u tal-patrimonju kulturali u naturali;
- (f) l-investiment fiż-żgħażaġh, fl-edukazzjoni u fil-ħiliet, fost l-oħrajn permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' edukazzjoni konġunta, taħriġ vokazzjonali, skemi ta' taħriġ u infrastruttura li tappoġġa l-attivitajiet konġunti favur iż-żgħażaġh;
- (g) il-promozzjoni tal-governanza lokali u reġjonali u t-tiżiħ tal-kapaċità tal-ippjanar u amministrattiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
- (h) it-tiżiħ tal-kompetittività, tal-ambjent tan-negozju u tal-iżvilupp ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, tal-kummerċ u l-investiment fost l-oħrajn permezz tal-promozzjoni u tal-appoġġ tal-intraprenditorija, b'mod partikolari tal-intrapriżi żgħar u medji, u tal-iżvilupp ta' swieq transfruntiera lokali u l-internazzjonalizzazzjoni;
- (i) it-tiżiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-teknoloġiji diġitali permezz, fost l-oħrajn, tal-promozzjoni tal-kondiviżjoni tar-riżorsi umani, ***il-bini tal-kapaċità fir-riċerka u f'sistemi ta' innovazzjoni, skemi ta' mobbiltà u ta' għoti adattati biex jiġi promoss il-prinċipju ta' eċċellenza xjentifika*** u faċilitajiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

## ANNEX IV

### **Lista ta' Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni**

Il-lista li ġejja ta' indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin għandha tintuża biex tgħin jitkejjel il-kontribut tal-Unjoni għall-kisba [...] **tal**-objettivi speċifiċi **tal-IPA III**:

1. Indikatur kompost<sup>35</sup> dwar [...] **il-progress mill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I** fir-rigward ta' oqsma fundamentali tal-kriterji [...] politiċi (inkluż id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt (Ġudikatura, il-Ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-Ġlieda kontra l-kriminalità organizzata) u d-Drittijiet [...] **Fundamentali inkluż il-libertà tal-midja**), **kif ukoll fir-rigward ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** (sors: il-Kummissjoni Ewropea).
2. [...] **Il-progress mill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I** dwar ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika (sors: il-Kummissjoni Ewropea).
3. Indikatur kompost dwar [...] **il-progress mill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I fir-rigward tal-allinjament mal-acquis** tal-UE (sors: il-Kummissjoni Ewropea).
4. Indikatur kompost dwar [...] **il-progress mill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I** fir-rigward tal-oqsma fundamentali tal-kriterji ekonomiċi (ekonomija tas-suq li tiffunzjona u kompetittività) (sors: il-Kummissjoni Ewropea).
5. Nefqa pubblika fuq is-sigurtà soċjali (perċentwal ta' PDG) (sors: ILO) jew ir-Rata ta' Impjieġ (sors: statistika [...] **uffiċjali**)
6. Distakk diġitali bejn il-benefiċjarji u l-medja tal-UE (sors: l-indiċi DESI tal-Kummissjoni Ewropea)
7. Punteġġ tad-distanza għall-fruntiera (Doing Business) (sors: il-Bank Dinji)

---

<sup>35</sup> It-tliet indikaturi komposti huma elaborati mill-Kummissjoni Ewropea abbażi tar-rapporti dwar it-Tkabbir, li jaġhmlu użu wkoll minn bosta sorsi indipendenti.

8. Intensità enerġetika mkejla f'termini ta' enerġija primarja u PDG (sors: EUROSTAT)
9. Emissjonijiet tal-gassijiet serra mnaqqa jew evitati (Ktons CO2 eq) bl-appoġġ tal-UE
10. [...]

L-indikaturi, meta jkun rilevanti, ser ikunu [...] diżaggregati skont *il-ġeneru*.